

31994D0800

23.12.1994

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 336/1

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**(tat-22 ta' Diċembru 1994)****dwar il-konklużjoni fisem il-Komunità Ewropea, fejn għandhom x'jaqsmu affarijiet fil-kompetenza tagħha, fuq il-ftehim milħuq fil-Laqqha ta' negozjati multilaterali fl-Urugwaj (1986-1994)**

(94/800/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Tratta li jstabilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 43, 54, 57, 66, 75, 84(2), 99, 100, 100a, 113, u 235 in konnessjoni mat-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 228(3), ta' dan,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

B'kunsiderazzjoni għall-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ⁽¹⁾,

B'kunsiderazzjoni għall-qbil tal-Parlament Ewropew ⁽²⁾,

Billi n-negozjati tal-kummerċ multilaterali miftuħa taħt il-GATT, konformi mad-Dikjarazzjoni mill-Ministri adottati f'Punta del Este fl-20 ta' Settembru 1986, wasslu biex l-Att Finali li jinkorpora r-riżultati tal-Laqqha ta' l-Urugwaj ta' negozjati tal-kummerċ multilaterali;

Billi r-rappreżentattivi tal-Komunità u l-Istati membri ffirmaw l-Att Finali li jinkorpora r-riżultati tal-Laqqha ta' l-Urugwaj tan-negozjati tal-kummerċ multilaterali u, suġġetti għall-konklużjoni, l-Ftehim li jstabilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ f'Maraxx fil-15 ta' April 1994;

Billi l-konċessjonijiet reċiproki u l-obbligazzjonijiet li ġew innegozjati mill-Kummissjoni fisem il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, kif inkorporata fil-ftehim multilaterali fl-Att Finali, jirrappreżentaw riżultat li fis-sħiħ tiegħu hu sodisfaċenti u bbilanċjat;

Billi numru ta' kuncessjonijiet reċiproki u obbligazzjonijiet mill-Kummissjoni fisem il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha u ċertu pajjiżi partijiet għan-negozjati u wkoll mfassla fil-ftehim speċjali plurilaterali fl-Anness 4 għall-Ftehim li jstabilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ;

Billi numru minn dawn il-konċessjonijiet u obbligazzjonijiet kienu nnegozjati b'mod bilaterali ma' l-Urugwaj fuq laħam bovin b'mod parallell mal-Laqqha ta' l-Urugwaj;

Billi l-kompetenza tal-Komunità li tikkonkludi ftehim internazzjonali ma tidderivax biss minn permess espliċitu mit-Trattat imma tista' wkoll tidderiva minn dispożizzjonijiet oħra tat-trattat u minn atti adottati konformi ma' dawn id-dispożizzjonijiet minn istituzzjonijiet tal-Komunità;

Billi fejn ir-regoli tal-Komunità ġew adottati sabiex jinkisbu l-għanijiet tat-Trattat, Stati Membri ma jstgħux, batta mill-gwarniċ ta' l-istituzzjonijiet komuni, jidħlu f'obbligazzjonijiet li għandhom iċ-ċans jeffettwaw dawk ir-regoli jew ibiddlu l-iskop tagħhom;

⁽¹⁾ Opinjoni mgħotija fl-23 ta' Novembru 1994 (għadha ma ġietx fil-Ġurnal Uffiċjali).

⁽²⁾ Qbil mgħoti fl-14 ta' Diċembru 1994 (għadha ma ġietx ippublikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

Billi proporzjoni mill-obbligazzjonijiet miżmuma fil-Ftehim li jstabilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ, kif ukoll l-Annessi ta' dan, jaqgħu fl-ambitu tal-kompetenza tal-Komunità

taħt l-Artikolu 113 tat-Trattat; billi aktar u aktar, mill-bqija ta' l-imsemmija obbligazzjonijiet f'it jeffettwaw ir-regoli tal-Komunità adottati a bażi ta' l-Artikoli 43, 54, 57, 66, 75, 84, (2), 99, 110a u 235 u jistgħu għalhekk ikunu magħmula mill-Komunità biss;

Billi, b'mod partikolari l-użu ta' l-Artikoli 100 u 235 tat-trattat bħala bażi legali għal din id-Deċiżjoni hi ġġustifikata sal-punt li l-Ftehim li jistabilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ, kif ukoll l-Annessi ta' dan, jeffettwa d-Direttiva tal-Kunsill 90/434/KEE tat-23 ta' Lulju 1990 fuq is-sistema komuni ta' tassazzjoni applikabbli għal inkorporazzjonijiet, diviżjonijiet, trasferimenti ta' assi u skambji ta' ishma li jikkonċernaw kumpanniji ta' Stati Membri differenti ⁽¹⁾, Direttiva tal-Kunsill 90/435/KEE tat-23 ta' Lulju 1990 fuq is-sistema komuni ta' tassazzjoni applikabbli fil-każ tal-kumpanniji ġenituri u sussidjarji fi Stati membri differenti ⁽²⁾, li huma bbażati fuq l-Artikolu 100 tat-trattat u Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 40/94 ta' l-20 ta' Diċembru 1993 fuq il-marka tal-kummerċ tal-Komunità ⁽³⁾ li hi bbażata fuq l-Artikolu 235 tat-trattat;

Billi l-ebda att fil-liġi tal-Komunità għadu ma ġie adottat a bażi ta' l-Artikolu 73ċ tat-Trattat;

Billi, bin-natura tiegħu, il-Ftehim li jistabilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ, kif ukoll l-Anness ta' dan, mhux suxxettiblu biex ikun invokat direttament fil-Komunità jew il-qrati ta' l-Istati Membri,

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

Artikolu 1

1. Is-segwenti ftehim multilaterali u atti humma minn hawnhekk approvati f'isem il-Komunità Ewropea fejn għandha x' taqsam dik il-prozjoni li taqa' fil-kompetenza tal-Komunità Ewropea;

— l-Ftehim li jistabilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ, u wkoll l-Ftehim fl-Anness 1, 2, u 3 ta' dak il-Ftehim;

— id-deċiżjonijiet ministerjali u d-dikjarazzjonijiet u l-Ftehim fuq l-Obbligazzjoni fis-Servizzi Finanzjarji li jidhru fl-Att Finali tal-Laqgħa ta' l-Urugwaj.

2. It-testi tal-ftehim u l-atti rreferuti f'dan l-Artikolu huma mhe-muża ma' din id-Deċiżjoni.

3. Il-president tal-Kunsill hu minn hawnhekk awtorizzat li jagħżel persuna li jkollha l-poter li tieħu l-miżura li għaliha hemm provvedimenti fl-Artikolu XIV tal-Ftehim li jistabilixxi l-organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ sabiex jorbot il-Komunità Ewropea fejn għandu x'jaqsam dak il-porzjon tal-Ftehim li jaqgħa fl-ambitu tal-kompetenza tagħha.

Artikolu 2

1. Il-ftehim plurilaterali f' l-Anness 4 għall-Ftehim li jistabilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ huma minn hawnhekk approvati f'isem il-Komunità Ewropea fejn għandha x' taqsam dik il-prozjoni li taqa' fil-kompetenza tal-Komunità Ewropea.

2. It-testi tal-ftehim li għalihom hemm referenza f'dan l-Artikolu huma mhemuża ma' din id-Deċiżjoni.

3. Il-president tal-Kunsill hu minn hawnhekk awtorizzat li jagħżel persuna li jkollha l-poter li tieħu l-miżura li għaliha hemm provvedimenti fil-ftehim li għalih hemm referenza f'dan l-Artikolu sabiex jorbot il-Komunità Ewropea fejn għandu x'jaqsam dak il-porzjon tal-Ftehim li jaqgħa fl-ambitu tal-kompetenza tagħha.

Artikolu 3

1. Il-Ftehim fuq laħam bovin konkluż ma' l-Urugwaj hu minn hawnhekk approvat f'isem il-Komunità Ewropea.

2. It-test ta' l-imsemmi Ftehim hu mhemuż ma' din id-Deċiżjoni.

3. Il-President tal-Kunsill hu minn hawnhekk awtorizzat li jagħżel persuna bil-poter li tiffirma l-Ftehim sabiex torbot lill-Komunità Ewropea.

Magħmul fi Brussel, fit-22 ta' Diċembru 1994.

Għall-Kunsill

Il-President

H. SEEHOFER

⁽¹⁾ ĠU L 225, ta' l-20.8.1990, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 225, ta' l-20.8.1990, p. 6.

⁽³⁾ ĠU L 11, ta' l-14.1.1994, p. 1.